14 ta' Novembru, 1949

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Kur. Stephen J. Borg ne. *versus* A.I.C. Gustavo Romeo Vincenti

**Ċitazzjoni — Kawżali — Nullità — Dokumenti — Retratt — Ċedola — Art. 155 u 792 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li ddeterminaħa, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju; u jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma utiżi għall-ottenimènt ta' l-oġġett propost; u r-redazzjoni taċ-ċitazzjoni f'dan is-sens ma tirrendix il-kawżali mhux ċara fiċ-ċitazzjoni. U meta hemm kawżali waħda li ssostni d-domanda, hija biżżejjed biex tirripudja l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni mħabba nuqqas ta' ċarezza.*

*Il-Qorti tista' tippermetti, fl-ewwel istanza, li l-attur iġib kwalsijasi dokument li ikun neċessarju għall-istruzzjoni tal-kawża; u meta d-dokumenti jinsabu fir-reġistru tal-Qorti, huwa biżżejjed li ssir riferenza għalihom; u meta d-dokument mhux eżibit huwa deċizjoni tal-Qorti, li tista' tiġi riskontrata faċilment u fi kwalunkwe żmien, in-nuqqas ta' eżibizzjoni tiegħu ma jikkostitwix motiv ta' nullità taċ-ċitazzjoni. Lanqas hemm dan il-motiv billi maċ-ċitazzjoni ma tiġix eżibita kopja ta' ittra uffiċjali li tkun saret qabel lill-konvenut.*

*Meta fiċ-ċedola tar-retratt jingħad li qiegħed jiġi rkuprat fond intier, imma fiċ-ċitazzjoni tiġi mitluba r-rivendizzjoni ta' parti indiviża minn dak il-fond, jew kwota oħra verjuri anki akbar, ma tiġix il-konsegwenza illi l-kawżali taċ-ċitazzjoni mhijiex ċerta u ċara.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur nomine, wara li qal li fil-bejgħ in liċitazzjoni li sar taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti ġie definitivament liberat favur il-konvenut fl-1 ta' April 1948, bil-prezz ta' £32,000, il-korp ta' bini nru. 45, 46 u 47, Kingsway, kantuniera ma' St. John's Street, Valletta (inkluża l-kantina b'bieb mingħajr numru f'Kingsway, sottoposta għall-fond nri. 45, 46 u 47 ta' l-istess triq (il-lum imġarraf bil-gwerra), liema korp ta' bini huwa liberu minn kull piż u servitù, u bid-dritt lil min jixtri li jieħu l-kumpens li tagħti l-War Damage Commission; u li l-attur nomine in forza taċ-ċedola nru. 163 tat-3 ta' Settembru 1948, in forza tat-titolu tal-konsangwineità u ta' kull titolu ieħor kompetenti lill-imsemmija aħwa Borg, irkupra mill-poter tal-konvenut l-imsemmi korp ta' bini; u li l-konvenut, ripetutament interpellat b'diversi ittri uffiċjali, u wara li hu kien aderixxa għar-rivendizzjoni ta' kwoti mill-fond, reġa' bdielu u qiegħed jirrifjuta li jirrilaxxja anki dawk il-kwoti; talab (1) li jiġi dikjarat validu u legali r-retratt eżerċitat mill-attur nomine; (2) jiġu likwidati, jekk hemm bżonn, l-ispejjeż leġittimi li talvolta għamel il-konvenut in konnessjoni ma' l-akkwist, oltre dawk ġà depożitati ma' l-imsemmija ċedola; (3) il-konvenut jiġi kundannat jirrivendi lill-attur nomine 283/360 parti indiviżi mill-korp tal-bini fuq imsemmi, jew kwota oħra verjuri anki akbar, fi żmien qasir u perentorju, u jekk jonqos, dina r-rivendizzjoni ssir in forza tas-sentenza; (4) il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur id-danni kollha minnu sofferti u li għad sofri bħala konsegwenza tad-dewmien u ta' l-inadempjenza tiegħu, danni likwidabili per mezz ta' perit li tinnomina l-Qorti. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 u 16 ta' Ottubru 1948, u 8 ta' Jannar 1949, kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha talab il-liberazzjoni "ab observantia" skond l-art. 155 tal-Kap. 15

tal-Liġijiet ta' Malta, in forza tan-nullità ta' l-atti skond l-art. 792 ta' l-istess Kapitolu, b'riżerva ta' kwalunkwe eċċezzjoni oħra fil-meritu "si et quatenus";

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-4 ta' Mejju 1949, li biha ġew miċħuda ż-żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' eżibizzjoni ta' dokumenti, mogħtija mill-konvenut, u ġie ordnat li d-dokumenti eżibiti jibqgħu fil-kawża; l-ispejjeż minħabba fil-meritu ġie ordnat li jibqgħu bla taxxa; wara li kkunsidrat;

Illi kif deher fit-trattazzjoni tal-kawża, u kif jidher minnota ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti, il-kwistjonijiet sollevati huma tnejn; u ċjoè (1) in-nullità ta' l-att taċ-ċitazzjoni għan-nuqqas ta' kawżali ċerta u ċara, u (2) in-nullità taċ-ċitazzjoni għar-raġuni li l-attur ma eżibiex ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni d-dokumenti meħtieġa;

Illi l-atturi, biċ-ċedola nru. 163 tat-3 ta' Settembru 1948, eżerċitaw in forza tat-titolu ta' konsangwineità u bi kwalunkwe titolu ieħor validu skond il-liġi l-irkupru tal-korp ta' bini "de quo" mill-poter tal-konvenut, li kien ġie lilu definitivament liberat fil-liċitazzjoni miżmuma taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti fl-1 ta' April 1948. In segwitu ż-żewġ attriċi, per mezz taz-ziju tagħhom, avviċinaw lill-konvenut; u milli jidher saru bejn il-kontendenti xi skambi ta' atti uffiċjali, fosthom l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Novembru 1948, magħmula mill-attur nomine lill-konvenut, u li magħha ġew eżibiti xi dokumenti ġustifikativi tad-dixxendenza ta' l-attriċi mill-istipiti komuni għalihom u xi vendituri oriġinali, u ċjoè minn Dr. Pasquale Debono. Ma hemmx kwistjoni li fit-22 ta' Jannar 1949, fuq l-aħħar, milli jidher, ittra uffiċjali ta' l-attur tat-8 ta' Jannar 1949, inkitbet mill-allura difensur tal-konvenut l-ittra datata kif intqal fuq, u li tinsab in oriġinali fil-proċess, markata dok C, minn fejn jidher li l-konvenut ma kienx qed jagħmel kwistjoni ta' ġustifikazzjonijiet dokumentali, iżda ddikjara per mezz tal-legali tiegħu li kien pront jirrilaxxja l-korp "de quo", salvo l-kwoti tal-persuni hemm imsemmijin bħala l-istess kienu ħarġu mill-familja, b'mod li donnu jidher li dwar il-kwoti li ried jirrilaxxja l-istess konvenut ma kienx injar, jew kien soddis-

fatt li kienu baqgħu fil-familja—dikjarazzjoni li għandu jkollha xi valur fuq il-kwistjonijiet odjerni;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni jingħad illi ma hemmx kwistjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn l-istess fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-ottenimemt ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabili. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se maj turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippropomwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, il-għaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża, li lilu jkun notifikat regolarment skond il-liġi. Fil-każ in diżamina għandna li l-attur nomine ddikjara fit-trattazzjoni tal-kawża, u finnota tiegħu, li huwa bħala kawżali tal-kawża qiegħed jieħu dak it-titolu li għandu tal-konsangwineità sabiex tkun ordnata r-rivendizzjoni u jkunu akkolti d-domandi l-oħra u interdipendenti, u dina l-kawżali waħedha hija suffiċjenti biex issostni l-att taċ-ċitazzjoni u biex tiġi ripudjata l-eċċezzjoni tan-nullità għan-nuqqas ta' kjarezza. Fejn l-oġġett u l-kawżali, jew kawżalijiet, jeżistu, l-att taċ-ċitazzjoni ma jistax jingħad li huwa nieqes minn xi formalità u li mhux ċar;

Illi kwindi l-ewwel eċċezzjoni mhix sostenibili;

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni jingħad li l-preskrizzjoni kontenuta fl-artikolu 155 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li ma' l-att taċ-ċitazzjoni għandhom ikunu preżentati d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba, kienet intiża sabiex il-konvenut ikollu konjizzjoni suffiċjenti tal-mezzi ta' prova bil-miktub li bihom l-attur ikun irid juri l-fattijiet li fuqhom hija poġġuta t-talba; illi l-formalità fuq imsemmija għandha bħa-

la skop li tpoġġi lill-konvenut fil-pożizzjoni li jkun jaf, malli jaqra l-att taċ-ċitazzjoni, il-fattijiet kollha, il-bażi ta' l-azzjoni, u l-bażi dokumentarja tagħha għal dak li jkun irid minnu l-attur sabiex huwa jkun jista' jammetti jew jipprepara ruħu *għal difiża li tkun ġusta'* (*ara Kollez. Vol. XIII, paġ.* 425, Kummerċ 25 Febbraio 1863, "Le Bet Hasan vs. Vincenza Abela et."; Vol. XXVIII-1-66, Appell 1 ta' Mejju 1931 "Freudo Randon vs. Despott pr. et ne."). Jingħad però li ma għandux jintesa li n-neċessità tar-riċerka tal-verità fil-proċedimenti ġudizzjarji u fl-istruzzjonijiet tal-kawżi mponiet, dejjem skond il-prattika kostanti forensi, apparti l-etiketta professjonali li tiddependi mill-inklinazzjonijiet u tendenzi individwali u li ma tifformax dritt, li l-Qorti tippermetti f'ċerti każi lill-attur, waqt it-trattazzjoni tal-kawża, fl-ewwel istanza, li jipproduċi kwalsjasi dokument li jkun ritenut neċessarju għall-istruzzjoni ta' l-istess ġudizzju (ara Vol. XXVII-II-286, P.A. Ċivili, 10 ta' Ottubru 1930, in re " Schembri et. vs. Cassar"; Vol. XXIV-I-721, Appell Ċivili 20 ta' April 1921, in re "Micallef vs. Zammit"). Ġie anki deċiż li dwar dokumenti li jkunu jeżistu fir-Reġistru tal-Qorti basta riferiment *għalihom sabiex ma jkunx miksur il-preċett ta' l-art. 155 tal*-Proċedura Ċivili (ara P.A. Ċivili 18 ta' Ottubru 1898, "Gellel vs. Despott", Vol. XVI-II-317); u li meta d-dokument mhux eżibit ikun deċiżjoni tal-Qorti li jista' jiġi riskontrat b'faċilità u fi kwalunkwe żmien, in-non-eżibizzjoni tiegħu ma tikkostitwix nullità (Ara Kummerċ. Vol. XXIII-III-491, in re "Azzopardi vs. Mifsud", tat-8 ta' Frar 1917); kif ukoll ġie stabbilit li meta ittra uffiċjali tiġi mibgħuta u notifikata lill-konvenut mhux neċessarju li l-attur jeżibixxi kopja tagħha maċ-ċitazzjoni, bħala li l-istess tkun nota lill-istess konvenut (ara Vol. XXVI-I-344, App. Inf. 4 ta' Novembru 1926, in re "Sammut utrinque");

Wara li ġew premessi l-prinċipji legali u l-ġurisprudenza li tirreġġi l-materja, jingħad li fil-fatt il-konvenut ma setax ma kienx a konjizzjoni tal-proċess fl-ismijiet "Kurunell Stephen Borg et. vs. Mons. Can. Gerolamo Chetcuti et.", deċiż fl-24 ta' Lulju 1946 u dokumenti annessi, mid-dokumenti

annessi maċ-ċedola nru. 163 tat-3 ta' Settembru 1948, mill-attijiet tal-liċitazzjoni fl-ismijiet "Kurunell Borg. vs. Mons. Chetcuti et." definita fl-ewwel ta' April 1948, mill-ittra uffiċjali tat-30 ta' Novembru 1948 u dokumenti magħha annessi. Huwa minnu li kienu jonqsu xi ġustifikazzjonijiet ta' l-arblu ġenealoġiku, imma non ostanti dawk id-dokumenti neqsin il-konvenut, qabel il-kawża, kien lest biex jirrikonoxxi b'ċerti limitazzjonijiet id-drittijiet ta' l-attriċi bla dik il-formalità, l-għaliex kien jaf li huma kienu konsangwinei; l-għaliex mhux presumibili li huwa kien sejjer jirrikonoxxilhom dak id-dritt jekk anki huwa "prima facie" kien fid-dubju fuq hekk. Ma hemmx kwistjoni li l-konvenut qabel il-kawża kien ġie uffiċjalment u regolarment b'dokumenti infurmat, kif ukoll mid-dokument "C" deher soddisfatt li l-atturi kienu fil-fatt imnisslin minn Dr. Pasquale Debono; u dan il-fatt jinnewtralizza l-eċċezzjoni tal-konvenut in kwantu għall-prova tal-konsangwineità ta' l-attriċi minn dak il-"capo stipite". Imma l-konvenut jista' forsi jilmenta li qabel il-kawża huwa ma kienx ġie b'dokumenti muri. sabiex ikun hemm dik in-newtralizzazzjoni. li l-vendituri huma wkoll minn dak l-istess "capo stipite" mnisslin sabiex tiġi b'hekk murija l-konsangwineità tagħhom mar-rikorrenti; imma dan il-fatt kien dovut għar-raġuni, kif jidher mid-dokument "C", li l-istess konvenut kien soddisfatt minn dak it-tnissil. Del resto, fi kwalunkwe kawża ta' retratt in forza tat-titolu ta' konsangwineità dina l-prova, meta tkun evidenti, mhix ġeneralment rikjesta; u jekk ma tkunx evidenti, l-arblu ġeneaoloġiku, li huwa wkoll dokument, jista' waqt l-istruzzjoni tal-kawża jiġi supplementat bid-dokumenti waqt il-kawża fi proċedura biċ-ċitazzjoni. Fil-każ in eżami l-arblu ġenealoġiku tal-familja in kwistjoni kien nôt qabel il-kawża lill-konvenut, u l-fergħa ta' l-atturi ġiet supplementata bl-ittra uffiċjali tat-30 ta' Novembru 1948, u li fuqha, jew in segwitu tagħha, ġie redatt id-dok. "C";

Illi kwalunkwe speċi ta' menzjoni oħra dwar in-nuqqas ta' ċarezza tad-dikjarazzjoni msemmija fid-dikjarazzjoni tal-konvenut ma għandhiex ebda valur legali meta bniedem jikkunsidra illi skond il-liġi l-Qorti tista' tordna lill-attur jippre-

żenta dikjarazzjoni oħra f'każ ta' nuqqas wara li tiġfilża d-dikjarazzjoni li tkun nieqsa minn formalitajiet li trid il-liġi, kif ukoll fil-prattika ġjornaljera jsir;

*Illi kwindi anki dina t-tieni eċċezzjoni ma hix ta' min* jilqagħha;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni u hu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti qiegħed jibbaża n-nullità taċ-ċitazzjoni minnu opposta, tant għar-raġuni li l-kawżali mhix ċerta u ċara kif titlob il-liġi, kemm għaliex maċ-ċitazzjoni ma ġewx eżibiti d-dokumenti meħtieġa biex isostnu d-domanda;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għall-ewwel motiv, mis-sempliċi qari ta' l-att taċ-ċitazzjoni jidher li l-kawżali tat-talba fl-istess ċitazzjoni *kontenuta tinsab bażata fuq l-irkupru eżerċitat mill-attur nomine* biċ-ċedola numru 163 tat-3' ta Settembru 1948 bis-saħħa tat-titolu tal-konsangwineità. Il-fatt li b'dik iċ-ċedola ġie rkuprat il-fond kollu, mentri biċ-ċitazzjoni qiegħda tintalab ir-rivendizzjoni ta' parti indiviza mill-istess fond, jew kwota oħra verjuri anki akbar, ma jista' qatt iġib għall-konklużjoni li t-talba hija bażata fuq kawżali inċerta u mhux ċara, speċjalment meta wieħed iġib quddiem għajnejh li dik ir-riduzzjoni saret wara li l-kontendenti per mezz tal-konsulenti tagħhom kienu waslu biex jirrikonoxxu li għal ċerti porzjonijiet tal-fond irkuprat it-titolu tal-konsangwineità ma kienx jissussisti. Għal dana l-fatt hemm anki aċċenn fil-premessi taċ-ċitazzjoni, fejn jingħad li l-appellant, ripetutament interpellat b'ittri uffiċjali, kien aderixxa għar-rivendizzjoni "ta' kwoti" mill-fond. Għalhekk l-ewwel motiv miġjub 'il quddiem mill-appellant għan-nullità taċ-ċitazzjoni huwa bla bażi, u ma jistax jiġi aċċettat;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għat-tieni motiv, jiġifieri n-nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dokumenti ġustifikativi maċ-ċitazzjoni, il-ġurisprudenza fil-materja hija dik enunċjata fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. Fuq l-iskorta ta' dik il-ġurisprudenza, applikata għall-fatti speċifikati fis-sentenza li minnha hemm appell, anki dan it-tieni motiv ġie ritenut insussistenti u inġustifikat; u din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti, u tagħmel tagħha l-motivi li fuqhom tinsab bażata dik il-konklużjoni, kif ukoll l-espożizzjoni tal-fatti li minnhom ħarġu dawk il-motivi;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.